

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI EWROPEA GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussel 26.1.2011
KUMM(2011) 35 finali

2011/0015 (NLE)

Proposta konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq
relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 impona ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Iraq, skont il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1483(2003). L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 għamel arranġamenti speċifiċi dwar pagamenti għal esportazzjonijiet Iraqini ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali u l-Artikolu 10 jittratta dwar l-immunità minn proċedimenti legali għal xi assi Iraqini rispettivament.
- (2) Dawn l-arranġamenti speċifiċi applikaw sal-31 ta' Diċembru 2007. Huma ġew estiżi bir-Riżoluzzjoni 1859 tat-22 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Diċembru 2009. Bir-Riżoluzzjoni 1905 tal-21 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ddeċieda, kif mitlub mill-Iraq, li jestendi l-arranġamenti speċifiċi sal-31 ta' Diċembru 2010. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/128/PESK, ir-Regolament (KE) Nru 1210/2003 ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 168/2010.
- (3) Bir-Riżoluzzjoni 1956 tal-15 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ddeċieda li jestendi dawn l-arranġamenti speċifiċi għal 6 xhur oħra sat-30 ta' Ġunju 2011 u li jwaqqafhom minn dik id-data. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/.../PESK, ir-Regolament 1210/2003 għandu issa jerġa' jiġi emendat.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 215(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/.../PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

- (1) F'konformità mar-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96², għamel arranġamenti speċifiċi dwar pagamenti għal żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali esportati mill-Iraq, filwaqt li l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament għamel arranġamenti speċifiċi dwar l-immunità mill-proċedimenti legali ta' xi assi Iraqini. Dawn l-arranġamenti speċifiċi ġew applikati sal-31 ta' Diċembru 2010³.
- (2) Ir-Riżoluzzjoni 1956 tal-15 ta' Diċembru 2010 tal-KSNU tipprovdi li dawn l-arranġamenti speċifiċi għandhom jiġu estenzi sat-30 ta' Ġunju 2011 u li għandhom jitwaqqfu wara dik id-data. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/.../PESK, ir-Regolament (KE) Nru 1210/2003 għandu issa jiġi emendat f'dan is-sens.
- (3) Sabiex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih,

¹ ĠU L ..., ... 2010, p. ...

² ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2010 (ĠU L 51, 2.3.2010, p. 1)

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-Artikoli 2 u 10 għandhom japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2011.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill

Il-President

[...]